VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,436, 5 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 176 tal-2015

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Vetturi b'Qawwa Baxxa u Ċikletti bil-Pedali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Vetturi b'Qawwa Baxxa u Ċikletti bil-Pedali u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2004 dwar Vetturi b'Qawwa Baxxa u Ċikletti bil-Pedali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S.65.26.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tfisira "ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur" għandu jidħol dan li ġej:

" "ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur" tfisser ċikletta b'żewġ roti jew bi tliet roti li taħdem b'mutur, kompriża *pedelec*, li għandha piż meta mhux mgħobbija ta' mhux aktar minn 40 kilogramma fil-każ ta' biċikletta u mhux aktar minn 60 kilogramma fil-każ ta' triċikletta jew biċikletta tandem, u hi mgħammra b'pedali li jistgħu jdawruha;"; u

(b) fit-tifsira "ċikletta b'qawwa baxxa", minflok il-kliem "jew b'mutur b'forza" għandhom jidħlu l-kliem "jew b'magna li jkollha mutur b'forza" u minnufih wara l-kliem "żewġ *brake horsepower*," għandhom jidħlu l-kliem "jew mutur li jaħdem bl-elettriku li jipprovdi enerġija netta ta' mhux aktar minn 1.49Kw,".

Jemenda t-titolu tat-Taqsima I tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-kliem "ĊIKLETTI BIL-PEDALI U ĊIKLETTI BIL-PEDALI LI JAĦDMU WKOLL BL-GĦAJNUNA TA' MUTUR" fit-titolu tat-Taqsima I tar-regolamenti prinċipali

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom jidħlu l-kliem "ĊIKLETTI BIL-PEDALI, ĊIKLETTI BIL-PEDALI LI JAĦDMU WKOLL BL-GĦAJNUNA TA' MUTUR U *PEDELECS*".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "Ebda ċikletta bil-mutur" għandhom jidħlu l-kliem "li tkun ġiet manifatturata bil-għan li tiġi użata bħala ċikletta bil-pedali";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu minnufih wara l-kliem "ċikletta bil-pedali" għandhom jidħlu l-kliem "li tkun ġiet manifatturata bil-għan li tiġi użata bħala ċikletta bil-pedali"; u

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu minnufih wara l-kliem "ċikletta bil-pedali" għandhom jidħlu l-kliem "li tkun ġiet manifatturata bil-għan li tiġi użata bħala ċikletta bil-pedali" u minflok il-kliem "subregolamenti (1) u (2)" għandhom jidħlu l-kliem "subregolament(1)".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Ir-reġistrazzjoni ta' ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*, li l-mutur tal-elettriku tagħha jipproduċi aktar minn 250 watts għandha ssir wara li jsir ħlas amministrattiv ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) pagabbli lill-Awtorità.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi rienumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (4);

(ċ) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Ma għandu jitħallas l-ebda dritt amministrattiv għar-reġistrazzjoni ta' ċikletti bil-pedali li jaħdmu wkoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriżi *pedelecs*, li l-mutur tagħhom jipproduċix aktar minn 250w."; u

(d) il-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (4) tiegħu, kif rienumerat, għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) formola ta' reġistrazzjoni mimlija kif suppost u

VERŻJONI ELETTRONIKA

mbullata mid-Dipartiment tad-Dwana jekk ġiet impurtata minn Stat li mhuwiex Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,

(b) dokument tad-Dwana jekk ġiet impurtata minn Stat li mhuwiex Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament 4A ġdid li ġej:

"Assigurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni.

4A. L-ebda ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriżi *pedelecs*, li l-mutur tal-elettriku tagħha jipproduċi aktar minn 250 watts m'għandha tiġi użata fit-triq jekk ma tkunx koperta b'assigurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni.".

Kap. 104.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

7. Is-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-ebda persuna m'għandha ssuq ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur fi triq jekk dik il-persuna -

(a) ma tkunx għalqet is-sittax-il sena,

(b) ma jkollhiex dokument ta' identifikazzjoni legalment validu fuqha, u

(ċ) jekk tkun se ssuq ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*, li l-mutur tagħha jipproduċi aktar minn 250w, tissodisfa lill-Awtorità li taf sew xi jgħid il-kodiċi tat-traffiku tat-triq permezz ta' test teoriku.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

8. Il-paragrafu (a) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (ii) tiegħu, minflok il-kliem "mutur li jaħdem bl-elettriku; u" għandhom jidħlu l-kliem "mutur li jaħdem bl-elettriku;";

(b) minflok is-subparagrafu (iii) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(iii) iċ-ċilindrata u l-potenza tal-mutur tal-kombustjoni interna; u"; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) minnufih wara s-subparagrafu (iii) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iv) il-produzzjoni nominali kontinwa f'Kw tal-mutur li jaħdem bl-elettriku;".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

9. Fir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur" għandhom jidħlu l-kliem "ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*,".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "jispezzjona fit-triq kull ċikletta li taħdem bl-għajnuna ta' mutur" għandhom jidħlu l-kliem "jispezzjona fit-triq kull cikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

11. Fir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur" kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*,".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

12. Fir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur" għandhom jidħlu l-kliem "ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*,".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

13. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "Ħadd ma għandu jsuq jew jippermetti li tinsaq ċikletta bil-pedali jew li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur" għandhom jidħlu l-kliem "Ħadd ma għandu jsuq jew jippermetti li tinsaq ċikletta bil-pedali jew ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*, għajr jekk immarkat xort'oħra" u minflok il-kliem "Iżda, ċikletti bil-pedali" għandhom jidħlu l-kliem "Iżda, ċikletti bil-pedali, kompriżi *pedelecs* b'mutur li jipproduċi 250w jew inqas;"; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "Meta persuna tkun qed issuq ċikletta bil-pedali jew li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur" għandhom jidħlu l-kliem "Meta persuna tkun qed issuq ċikletta bil-pedali jew ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*,", u minnufih wara l-kliem "qed joqrob intersezzjoni" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew *roundabout* jew meta jkun qed jaqbeż vetturi oħra".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

14. Fir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ċikletta bil-pedali jew li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur"

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom jidħlu l-kliem " ċikletta bil-pedali jew ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

15. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolamenti (1) u (2) tiegħu, minflok il-kliem "jew li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur" għandhom jidħlu l-kliem "jew ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*"; u

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "ċikletta bil-pedali" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem " ċikletta bil-pedali jew ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec*".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

16. Fir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "jew ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur" għandhom jidħlu l-kliem "ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża *pedelec* ".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

17. Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu minflok il-kliem "ċikletti bil-pedali" għandhom jidħlu l-kliem "ċikletti bil-pedali jew ċikletti bil-pedali li jaħdmu wkoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriżi *pedelecs* jew bejn ċikletti bħal dawk ";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu minflok il-kliem "tlielaq ta' ċikletti bil-pedali" għandhom jidħlu l-kliem "tlielaq ta' ċikletti bil-pedali jew ta' ċikletti bil-pedali li jaħdmu wkoll bl-għajnuna ta' mutur jew ta' *pedelecs* jew ta' vetturi bħal dawk".